# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' April 2004 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Mejju 2004 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ġunju 2004 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Lulju 2004 fis-6.30p.m.
   Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
   Il-laqgħa tat-2 ta' Mejju 2004 li taħbat f'għeluq it-18-il sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: http://www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 58 APRIL 2004 JITQASSAM BLA ĦLAS



## IMĦABBA BLA QIES!

*Il-passjoni ta' Kristu kien suġġett li Ġuża Mifsud kienet spiss titkellem dwaru. Tista' tgħid li f'kull laqgħa kienet tfakkar kemm ħabbna Kristu li ħa passjoni daqshekk kbira sabiex jifdina. Hi kienet tħeġġeġ lill-ġemgħa sabiex kulħadd jaħseb u jimmedita fuq din il-passjoni ħalli lkoll napprezzaw dak li Kristu għamel magħna wara li ħallilna lilu nnifsu fl-Ewkaristija. Huwa proprju għalhekk li waqt il-laqgħat li jsiru l-Girgenti, dejjem ngħidu r-rużarju tat-tbatija sabiex nimmeditaw fuq din l-imħabba hekk bla qjies.*

**Ġesù kemm inti twajjeb**

F'messaġġ illi Ġuża kienet irrekordjat fit-28 ta' Marzu 1991, Ħamis ix-Xirka u l-għada l-Ġimgħa l-Kbira, hija qalet, "...Ġesù kemm Inti twajjeb, Ġesù kemm Int ħanin illi ridt minn qalbek tagħti ruħek f'idejn l-għedewwa biex tant tbati minn Pilatu sal-Kalvarju. Offrejt ruħek lil Alla Missier Etern Tiegħek u tiegħi u ta' kulħadd għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja kollha li saru sa minn meta inħalqet id-dinja. Inti tant ħabbejthom lil dawn l-istess għedewwa tiegħek illi għamilt magħhom ħafna għeġubijiet, għamilt ħafna mirakli kbar magħhom. Imma jiena dak li qed nieħu minnek f'dan il-jum huwa li inti tant ħabbejt lill-bniedem illi tajt kollox għall-imħabba tiegħu, biex takkwistalu l-ħajja ta' dejjem permezz ta' dina l-passjoni u l-mewt...

F'dawk it-tliet snin Inti tajt ħafna minn dak l-għerf illi żejnek bih il-Mulej Alla Missier. Għallimtha ħafna lid-dinja f'dawn it-tliet snin. L-akbar appostolat illi qatt rat id-dinja kien tiegħek. Imbagħad wasalt għal dina l-krudila passjoni. Veru illi inti tlabt lill-Mulej biex jekk jista' jkun iwarrab minnek dan il-kalċi ta' l-imrar imma Inti tlabtu lill-Missier Etern biex fik tingħamel ir-rieda Tiegħu. U r-rieda Tiegħu kienet illi Inti tbati sa' l-aħħar qatra ta' din il-passjoni ta' l-imrar li bdejt f'Ħadd il-Palm...

U jiena minn Ħadd il-Palm sallum li huwa Ħamis ix-Xirka imxejt pass pass mal-passjoni mqaddsa tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. ...F'nofs illejl kelli viżjoni ħajja ta' Ġesù. Iltqajt ma' Ġesù taħt is-salib qiegħed ibati, b'dik il-kuruna tax-xewk ma rasu, bis-salib fuq spallejh, dmija tqattar minn rasu u l-għajnejn ta' Ġesù qasmuli qalbi b'dik il-ħarsa ħanina u qaddisa... U meta smajtu jgħid, 'Binti, ma stajt nagħmel xejn aktar u akbar milli għamilt f'dan il-lejl qaddis u prezzjuż li permezz tiegħu ħallejtilkom dan il-miraklu ħaj u divin fl-Ewkaristija'; m'għandkomx idea x'ħassejt. Ħassejt lil Ġesù divin, Ġesù illi qiegħed ibati, il-polz tiegħi beda jħabbat mat-taħbita ta' qalbi flimkien mal-qalb divina u twajba ta' Ġesù... Dawk l-għajnejn divini ta' Ġesù ngħidilkom li ppenetrawli qalbi, nifduli qalbi għax dik il-ħarsa divina ta' Ġesù fissret ħafna għalija.

Ġesù qalli, 'Nixtieq ħafna illi inti tkompli xxerred... id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija... Agħtihom x'jifhmu illi f'dik l-Ostja Mqaddsa hemm Jiena bir-ruħ u bil-ġisem u bid-divinita' Tiegħi tas-sema li tani Missieri għal dak kollu li għamilt fid-dinja minn meta ġejt sa meta tawni din il-kiefra passjoni... Ħa ngħidlek Binti, li sallum f'dawk l-inħawi ta' l-Israel... għad baqa' nies bħal ta' dak iż-żmien illi tawni l-passjoni. Għalhekk il-qalb tiegħi nifduhieli bil-lanza. Kien hemm min emmen ħafna u kien hemm min s'issa għadhom ma jemmnux illi Jiena ġejt fid-dinja għal dan ix-xogħol...'

Kristu ħa l-passjoni biex jifdi l-umanita' kollha tad-dinja, in-nies kollha tad-



dinja. Minn meta ġie fid-dinja sa meta nkurunawh bix-xewk u sawtuh b'dawk il-kefrin frosti illi tertqulu dak il-laħam divin Tiegħu, dejjem talab lill-Missier Tiegħu fis-sema, 'Missier, Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu,' sabiex Ġesù' iġiegħel lill-Mulej iħares lejn it-talb Tiegħu u mhux lejn dawk il-qabda qlub kattivi li kienu qegħdin jaħqru l-qalb Tiegħu. Dak li ġabilna Ġesù Kristu fid-dinja: umilta', imħabba, ħniena, sempliċita'..."

**Ġurnata terribli għal Ġesù'**

Fil-laqgħa ta' April 1989 Ġuża qalet, "Imbagħad dħalt għal dik il-ġurnata terribbli li kien ħa jgħaddi minnha Kristu. Rigward il-lejl ngħidilkom li kien terribbli għal Ġesù li rajtu ħiereġ mingħand Pilatu b'saqajh kollha dmija. Mat-taraġ immarka d-dmija hu u nieżel... Dana tara bniedem qegħdin isawtuh, qegħdin jagħtuh bil-ponn, ma ngħidilkomx kemm sofriet qalbi dak il-ħin... Rajtu direttament... mhux fuq karta pesta, mhux fuq statwa, mhux pinġut fuq ġebla... Persuna divina ġejja mis-sema, persuna li batiet ħafna, persuna li ma kinitx tiflaħ għal dik it-tbatija li kieku ma kinitx il-veru Iben t'Alla...

Il-Ġimgħa... jiena kont mixwija, bniedma mixwija ġo tant żejt jagħli. Ġesù qalli, '...Inti trid tbati bħala vittma għall-maħfra tad-dnubiet tal-paroċċa tiegħek, tal-gżejjer tiegħek... L-aktar li sogħbieni Jiena... illi tant għamilt ġid lil ħuti, tant qajjimtilhom mejtin, tant fejjaqtilhom morda u huma biex ħallsuni? Ħallsuni bil-kuruna tax-xewk,... bis-swat. Dalwaqt tara viżjoni oħra li ħa tbikkik.'

U veru bikkietni din il-viżjoni... Meta wasal il-ħin qalulu, 'Stabat fuq is-salib ħalli nibdew nagħtuk bl-imrietel fuq idejk u fuq saqajk'... L-aktar li bata Ġesù fuq idu x-xellugija li refa' s-salib u fuq riġlu l-leminija li refgħet il-piż. Imbagħad bdew jinqatgħu il-vini minnu... Ġesù qalli, 'Imma jiena... l-aktar li batejt bil-kuruna tax-xewk... biex inkun ta' tbatija għal dawk in-nies li qegħdin jaħsbu kif ħa jagħmlu vendikazzjoni lejn dak, bil-mibegħda lejn dak... lil min ħa jmorru joqtlu, x'qegħdin jipprinċipjaw il-kbar għall-gwerer...'

Imbagħad rajt qisni ħames persuni f'dik il-viżjoni illi qabdu jneħħulu dik l-imqaddsa u l-imbierka ta' libsa illi kienet imwaħħla miegħu b'ħafna feriti, dak id-demm... Kemm qalli affarijiet fuqha dik il-biċċa xogħol, qalli, 'Dak qed inpattih għal min jitfa' ruħu fid-dnub rigward l-imqaddsa purita' u l-imqaddsa kastita'... Tkellem fuq kemm batejt meta neħħewli il-libsa mqaddsa minn fuqi.'

Taħsbux li lil Ġesù ġabulu xi naqra rispett tafux, il-faxxa l-Knisja għamlitha... Lanqas lill-agħar bniedem li hawn fid-dinja ma tawhielu din il-passjoni...'"

**Id-Dulur ta' Marija**

F'messaġġ ieħor irrekordjat minn Ġuża Mifsud fl-1987 hija qalet, "...F'dak

illejl imqaddes minn tal-Ġimgħa l-Kbira 17 ta' April għall-ħabta ta' xi l-11.30p.m. jiena bdejt nisma' il-leħen divin tas-Sinjura tal-Ħajja. Imbagħad b'għajnejja mimlija kollha dmugħ jiena bdejt nara lil Marija li kienet taħt is-salib flimkien ma' xi nies twajba u qaddisin oħra. Il-Madonna qaltli: 'Kemm tista', binti, għid lil ħutek, kemm ta' artek u kemm jekk jista' jkun tad-dinja kollha, biex tkunu aktar devoti lejn dawn it-tbatijiet ta' Ibni Ġesù u tiegħi, lejn din il-fidwa hekk kbira li saret permezz tal-Mulej li kienet miġjuba mis-sema għall-art b'tant tbatija ta' Ġesù, ħallieq u feddej tagħna.'

U ta' dan għandna għalfejn inroddulu ħajr lill-Mulej u l-Madonna għal kemm għamlu magħna waqt il-passjoni. Ġesù mexa mat-toroq tal-Kalvarju mgħobbi bis-salib u l-għażiża Ommu Marija, li hija Ommna Marija Santissima wkoll, kienet timxi warajh, kważi taħt is-salib li kien qed jerfa' Ġesù Binha stess, b'dawk is-sofferenzi kbar, enormi. Meta l-Madonna semgħet lil dawk il-Lhud ikasbru lil Binha kienu wkoll ikasbru l-qalb imqaddsa tagħha. U lill-Madonna għalhekk għandna ngħidulha: 'Madonna, nirringrazzjawk għal dak kollu li qed tagħmel f'artna, ta' Malta u Għawdex. Kompli agħmlu, kompli iġbed lil dawk il ftit erwieħ li huma 'l bogħod mit-twemmin ta' Ibnek Ġesù, biex aħna lkoll inkunu nistgħu niġbdu kuruna ta' ward imressqa lejn is-sema għal quddiem il-Missier Etern, Ibnek Ġesù u int biex tkunu aktar tistgħu tressquna lejn il-Belt ċelesti tagħna. Aħna nixtiequ li kulħadd, jekk Alla jrid, imur jirċievi dak il-post li Ġesù t-twajjeb tagħna mar jippreparalna permezz tal-mewt u l-passjoni Tiegħu...

Madonna, għażiża Marija, fid-duluri mqaddsa tiegħek tant soffrejt, tant batejt, tant għamilt ma' Ibnek Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja kollha. Inti għidtli biex ninġibdu wara t-tbatijiet tiegħek Addolorata, meta inti kont miexja pass pass ma' Ibnek Ġesù fil-Passjoni, u noffru din it-tbatija għall-erwieħ tal-purgatorju...

U l-Madonna qaltli wkoll biex ngħidu u nxerrdu ħafna devozzjoni lejn Ġesù meta tant soffra b'dik il-kuruna tax-xewk f'rasu. Tant kienet maħduma b'mod barbaru illi nifditlu minn rasu sas-saqaf ta' ħalqu, u ta' dan ngħidu Glorja Patri lit-tliet Persuni Divini tas-Santissima Trinita. B'mod speċjali nitolbu lil Ġesù Redentur ibati taħt is-salib, u ngħidulu biex jagħtina maħfra ta' dnubietna, ta' kemm inqasna f'ħajjitna u nitolbu għall-bżonnijiet tal-midinbin ta' artna, ta' dawk imbegħdin minn artna... Il-Madonna batiet pass pass mat-toroq tal-Kalvarju u taħt għajnejha rat il-mewt hekk brutali ta' Binha minn ħafna ħutu Lhud...

Kompliet tgħidli, "Ġesù, bħalma qal fid-dar ta' Pilatu: 'is-saltna Tiegħi mhix f'din l-art, is-Saltna Tiegħi hi fil-Belt ta' Missieri, fil-belt imqaddsa t'Alla', imma tant l-għedewwa ta' Kristu huma nfami li dan ma emmnuhx u baqgħu sakemm naxruħ fuq is-salib, b'imsiemer kiefra li nifdu lil idejh u riġlejh. Dan jiena għamiltu bl-akbar kuraġġ, bl-akbar intenżjoni ma' Ibni Ġesù, għax wara ftakart li b'dina t-tbatija ħa jkun hemm suċċess minn ħafna ulied il-Knisja. U dana veru minnu kien, għaliex mill-mewt ta' Ibni Ġesù ikkonvertew ħafna nies, saru ħafna, ħafna qaddisin, imma għad baqa' ħafna u ħafna nies illi ma jemmnux f'Alla, illi 'il bogħod minn Alla, il bogħod minn dak it-twemmin li għallem Ibni Ġesù.

Imma jiena ħa ngħidlek, binti, illi għadu jisgħobbini ħafna għal xi ħafna minn ulied Alla, li għadhom jistennew illi tiġi xi fidwa oħra. Dan il-ħsieb tant tertaqli qalbi . Il-fidwa saret, it-tbatija ta' Ġesù saret. Jisgħobbini ħafna jiena għal dawk il-bnedmin li jissejjħu li huma nsara u ma huma nsara xejn. Lanqas għandhom jissejjħu biss insara ta' l-isem għax dawn, bħalma għidna ma huma nsara xejn, għax li kieku nsara iġibu quddiem għajnejhom, jaħsbu kemm bata Ġesù għall-fidwa tagħhom biex itellagħhom il-Ġenna u ma jmorrux jitkaxkru l-Infern b'kapriċċ. B'kapriċċ, jaħasra, ta' dagħa, ta' qtil, ta' mibegħda, ta' mibegħda lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija, ta' mibegħda lejn ħuthom stess, ta' mibegħda illi jkaxkru għar-rovina lil ħuthom stess. Kulħadd għandu jġib quddiem għajnejh kemm swiet il-fidwa ta' ruħhom..."

Għalhekk kif qalet Ġuża fil-laqgħa tas-17 ta' Marzu 1996, "Nirriflettu fuq it-tbatija li bata Ġesù u ngħidulu: 'Ġesù, nirringrazzjawk ta' kollox. Nadurawk, O Ġesù u mberkuk għaliex b'dak is-salib, b'dawk l-imsiemer, b'dik il-kuruna tax-xewk għoġbok illi Inti tifdi lil kull maħluq illi ġie fid-dinja s'issa u għad irid jiġi."

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**F. Borg mill-Imsida kiteb din l-esperjenza:** Jiena naħdem f'Supermarket. Kont smajt dwar il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Domt biex skoprjet fejn tinsab. Meta sibt fejn huwa l-post u mort, ħassejt ferħ kbir ġo fija. Brother Victor, ta' Stella Maris College, Gzira, kien qalli li l-laqgħat ikunu kull ħamsa tax-xahar. Għalija ma kienx possibbli li nattendi f'dawn il-ġranet u tlabt lill-Madonna biex jekk hi għandha pjaċir bija, tgħid lil Ġuża biex il-laqgħat tagħmilhom kull l-ewwel Ħadd tax-xahar.

It-Tnejn ta' wara kien reġa' ġie Bro. Victor u għidtlu xi grazzja tlabt lill-Madonna. Beda jidħak u qalli li kien impossibbli għaliex tal-Kumitat sikwit qalulha biex tibdel il-ġurnata imma Ġuża qatt ma aċċettat. Kompla jgħidli li dakinhar filgħaxija kellhom laqgħa fil-Girgenti.

Ġara li l-għada t-Tlieta reġa ġie Bro. Victor u spjegali li kif Ġuża waslet il-Girgenti tat l-aħbar li l-laqgħat ser tibda tagħmilhom kull l-ewwel Ħadd tax-xahar. Qalli wkoll li meta sema din l-aħbar beda jħabbat mal-mejda u jgħid, "Il-Madonna semgħetu lil France."

Għall-ewwel laqgħa ta' talb li kien imiss, jiena mort kmieni ħafna. Sadanittant lil Ġuża jien qatt ma kont iltqajt magħha u hi ma kinitx rat lili. F'kelma waħda ma konniex nafu lil xulxin. Nies kien hemm madwar ħamsin u jiena kont fin-nofs tal-folla. Meta waslet Ġuża u niżlet it-taraġ, baqgħet ġejja fid-direzzjoni tiegħi. Kif waslet ħdejja qaltli, "Hawn int x'ġejt tagħmel?" Jien bid-dmugħ f'għajnejja weġibtha, "Mhux int ġibtni!" Qaltli, "Nifraħlek, għax int il-ħalliel it-tajjeb. Ibqa' hekk!"

**C. Debattista minn Birzebbugia kitbet hekk:** Ċemplitli l-kuġina u qaltli li jinsabu nkwetati ħafna għax in-neputija qabditha s-sogħla konvulsiva waqt li kienet qegħda tagħmel l-eżamijiet. Jien għidtilha li ser nitlob għalija biex tgħaddilha f'qasir żmien. Tlabt ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-Madonna semgħetni għax wara biss erbat ijiem kienet fieqet għal kollox. Jiena tajtha wkoll ftit ilma tal-Madonna.

**M. Azzopardi mill-Belt Valletta** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Talbet ħafna għall-bżonnijiet ta' żewġ ħutha li għamlu xi testijiet mediċi serji u r-riżultat ħareġ tajjeb.

**G. Sammut minn Birkirkara** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet dwar in-nepputija tagħha li għaddiet mill-eżamijiet u ħadet id-Degree.

**G. Fenech mir-Rabat, Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet għal paċi fil-familja, bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.



**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti, ta' Ġuża Mifsud, l-Qalb ta' Ġesù' u San Mikiel. Hi tgħid li meta ħareġ ir-riżultat mediku dwar it-tarbija tat-tifel irriżulta li ma kinitx tbati minn mard u li hi, jiġifieri n-nanna kienet poġġiet is-santa ma' għonq it-tarbija.

Hija wkoll tirringrazzja lil Alla għall-fejqan tal-mara tat-tifel.

**J. Mamo minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tal-Girgenti.

**T. Attard minn B'Kara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet iz-zija tiegħu bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud.

**N. N. minn Għawdex kitbet:** Nixtieq nirringrazzja pubblikament lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Ġuża Mifsud qlajna grazzja kbira. Is-sena l-oħra ohti kellha cancer fil-pulmun. Ma konniex nafu x'ser naqbdu nagħmlu. Jien għandi fidi kbira fil-Madonna tal-Girgenti u għalhekk kont ngħidilha, "Madonna ħudli ħsiebha" għax kienet tkun muġugħa u mdejjqa ħafna. Wara ħafna kura u trattamenti reġgħet lura għal saħħitha u anka rritornat għax xogħol. Nitlob dejjem lill-Madonna biex iżżomm idejha fuqha ħalli tibqa' miexja 'l quddiem kif inhi. Jiena ċerta li Ġuża Mifsud daħlet għalina quddiem il-Madonna. Grazzi.

Carmen Montesin mill-Ħamrun kitbet: Jiena għandi statwa tal-Madonna li kont xtrajt mill-Girgenti. Inħobb nitlob ħafna quddiemha u ngħid ir-rużarju.

Kien is-17 ta' Settembru 2000 u waqt li kont għaddejja minn ħdejn l-istatwa tal-Madonna u qegħda nipprepara biex noħroġ, ħassejt bħal vuċi ta' mara tgħidli biex nitlob. Dak il-ħin ħarist lejn il-Madonna u bdejt nitlob ir-rużarju u talb ieħor. Meta ħriġt ħassejt li għandi nkompli nitlob u dħalt fi Knisja fejn kien qed jingħad ir-rużarju.

L-għadha, 18 ta' Settembru fis-1.30p.m. ċempel it-telefon. Kienet iz-zija li qaltli li ħija Pawlu li jgħix l-Awstralja, fil-5.00 ta' filgħodu, ħin ta' l-Awstralja, kellu inċident ikraħ bil-karozza waqt li kien sejjer għax-xogħol. Iz-zija qaltli wkoll li sforz l-inċident ikraħ li kellu kien miżmum fuq il-magni u kien fil-periklu tal-mewt. Miegħu fil-karozza kien hemm it-tifel ta' l-imgħallem tiegħu li baqa' mejjet.

Wara rrejalizzajt li dak il-ħin li jiena ħassejt lil min jgħidli biex nitlob kien l-istess ħin li ġara l-każ, peress li fl-Awstralja qegħdin disa' siegħat qabilna. Għalhekk jiena nemmen li l-Madonna kienet miegħu f'dak il-ħin ta' l-inċident u li lili ħeġġitni biex nitlob. Wara xi operazzjonijiet li għamel issa jinsab aħjar.

Għalhekk qed inxandar dan kollu biex nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-għajnuna li tat lil ħija u ħelsitu mill-mewt. Grazzi ħafna.